

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9032/21

ENV 331
CLIMA 119
IND 141
CHIMIE 59
TRANS 319
AGRI 232
ENER 198
SAN 315
COMPET 386
ECOFIN 468
CONSOM 123
MARE 17
RELEX 463

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Perkors lejn Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd - Pjan ta' Azzjoni tal-UE Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija

1. Fit-12 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq "Perkors lejn Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd - Pjan ta' Azzjoni tal-UE Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" bħala wieħed mir-riżultati tanġibbli ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
2. Fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tipprevedi qafas globali ġdid għall-azzjoni tal-UE kontra t-tniġġis. Abbażi ta' disa' inizjattivi ewlenin u azzjonijiet oħra, inkluż proposti leġiżlattivi, il-komunikazzjoni tipprevedi boxxla għall-integrazzjoni tal-prevenzjoni tat-tniġġis fil-politiki rilevanti kollha tal-UE, biex tiżdied l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u biex jiġu identifikati lakuni possibbli. Sabiex l-UE timxi lejn il-mira tal-2050 ta' pjaneta b'saħħitha għal kulħadd, il-Pjan ta' Azzjoni jistipula l-miri ewlenin għall-2030 bħala indikaturi biex jitkejjel il-progress fit-tnaqqis tat-tniġġis mis-sors abbażi tal-leġiżlazzjoni u l-

inizjattivi eżistenti fir-rigward tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju, il-bijodiversità, il-pestiċidi, il-mikroplastiki u l-iskart.

3. Il-pjan ta' Azzjoni tal-UE huwa appoġġat minn żewġ dokumenti ta' ħidma tal-persunal intitolati "Lejn qafas ta' monitoraġġ u ta' prospettiva għall-ambizzjoni ta' tniġġis żero" kif ukoll "Soluzzjonijiet Diġitali għal Tniġġis Żero" (mhux disponibbli bil-Malti).
4. Il-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fil-21 ta' Mejju 2021 u indirizzat mistoqsijiet inizjali.
5. Bħala gwida għall-iskambju ta' fehmiet fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) fl-10 ta' Ġunju 2021, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' informazzjoni tal-Presidenza li tinkludi tliet mistoqsijiet biex jgħinu fl-istrutturar tad-dibattitu.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza u jibagħtu lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet tiegħu fl-10 ta' Ġunju 2021.

**Laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent,
10 ta' Ġunju 2021**

- Skambju ta' fehmiet -

***Perkors lejn Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd
Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija"***

Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza b'mistoqsijiet għall-Ministri

Mill-2019, taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew (EDG)¹, tnedew diversi politiki u miżuri bil-għan li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050, filwaqt li jiġu promossi sinerġiji bejn setturi differenti. Biex tirreaġixxi għat-theddid persistenti għall-bnedmin, l-annimali u l-ekosistemi, l-EGD jitlob "lill-UE timmonitorja, tirrapporta, tipprevjeni u tirrimedja aħjar it-tniġġis tal-arja, tal-ilma, tal-ħamrija u tal-prodotti tal-konsumatur, fost affarijiet oħrajn².

Ambizzjoni, prijoritajiet u miri

Il-Komunikazzjoni "Perkors lejn Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd – Pjan ta' Azzjoni tal-UE "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija"³, adottata mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 2021, hija l-aħħar element kostitwenti f'dan is-sett ta' strateġiji u politiki ġodda li tistipula l-viżjoni għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi fl-UE, u tgħaqqad l-isforzi kollha li għaddejjin bħalissa u daww ipplanati f'approċċ integrat, filwaqt li tpoġġi l-prevenzjoni tat-tniġġis fuq quddiem nett tagħha. Għal dan il-għan, hija stabbilita "ġerarkija ta' tniġġis zero" aktar effettiva, b'kont meħud tal-prinċipji minqax fit-Trattat, b'mod partikolari l-prinċipju ta' prekawżjoni, il-prinċipju ta' azzjoni preventiva u l-prinċipji li skonthom il-ħsara ambjentali għandha, bħala prijorità, tiġi rettifikata fis-sors u li min iniġġes għandu jħallas.

¹ COM(2019) 640.

² COM(2021) 400, p. 1.

³ *idem*.

Fil-quċċata tal-piramida inversa tal-azzjoni hemm il-prevenzjoni, peress li t-tniġġis għandu dejjem jiġi evitat fis-sors, u huwa biss meta dan ma jkunx possibbli, li għandu jiġi minimizzat. Għal dan il-għan, huwa essenzjali li wieħed jiffoka fuq il-mod kif il-prodotti u s-servizzi jiġu ddisinjati, prodotti, ikkonsenjati, imwettqa u/jew użati u mormija. Fl-aħħar nett, meta jseħħ it-tniġġis, dan għandu jiġi rrimedjat – u li l-ħsara relatata għandha tiġi kkompensata.

L-ambizzjoni ta' tniġġis zero hija objettiv trażversali li jikkontribwixxi għall-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u li jikkomplementa l-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050, f'sinerġija mal-ekonomija nadifa u ċirkolari u mal-għanijiet dwar ir-restawr tal-bijodiversità.

L-objettiv ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jippromwovi l-inklużjoni tal-prevenzjoni tat-tniġġis fil-politiki rilevanti kollha tal-UE, jimmassimizza s-sinerġiji b'mod effettiv u proporzjonat, iżid l-implimentazzjoni u jidentifika lakuni jew compromessi possibbli. Sabiex jippromwovi l-azzjoni, il-Pjan jistabbilixxi sitt miri għall-2030, li jvarjaw minn tniġġis tal-arja u mill-istorbju, għal pestiċidi kimiċi, mikroplastiki u ġenerazzjoni tal-iskart.

Dawn il-miri huma akkumpanjati minn sett ta' azzjonijiet li għandhom jitwettqu bejn l-2021 u l-2024, li, flimkien ma' disa' inizjattivi ewlenin li jidhru fit-test kollu, huma mfassla biex jikkomplementaw il-ħafna inizjattivi u strumenti oħra tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tas-saħħa u l-benesseri tagħna, għall-preservazzjoni tal-ekosistemi, u jimmiraw lejn tniġġis zero mill-produzzjoni u l-konsum. Il-parti l-kbira tal-miri huma marbuta mal-evalwazzjonijiet u r-reviżjonijiet tal-leġiżlazzjoni, bil-ħsieb li jittejbu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istrumenti legali, filwaqt li jindirizzaw b'mod partikolari l-kwalità tal-istorbju, tal-ilma, tal-arja u tal-ħamrija.

Sabiex isseħħ it-trasformazzjoni ta' tniġġis zero, il-Pjan ta' Azzjoni jistabbilixxi miżuri biex jiġu żgurati implimentazzjoni u infurzar aktar stretti, biex tingħata spinta lill-azzjoni fis-soċjetà kollha, biex tiġi promossa l-bidla madwar id-dinja u biex jiġi segwit il-progress, jiġu antiċipati x-xejriet u jiġi integrat it-tniġġis zero.

It-titjib tas-saħħa u tal-benesseri

Il-Komunikazzjoni għandha l-għan ewlieni li tnaqqas l-inugwaljanzi fis-saħħa permezz ta' tniġġis żero u li tappoġġa l-azzjoni urbana. Biex tagħmel dan, il-Komunikazzjoni tissuġġerixxi t-tisħiħ tal-koazzjoni bejn setturi differenti fil-livell nazzjonali, Ewropew u dak internazzjonali. Id-dimensjoni soċjali tal-Pjan ta' Azzjoni tiffoka fuq politiki fis-settur tas-saħħa, pereżempju permezz tal-Pjan biex Jingħeleb il-Kanċer, u l-interazzjoni tiegħu mal-leġiżlazzjoni ambjentali, bħar-reviżjonijiet li għaddejjin u daww li jmiss tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja, l-Ilma tax-Xorb, l-Ilma għall-Għawm u t-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, u l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi. L-ippjanar urban huwa essenzjali biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, u l-iżviluppi fil-qafas tal-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, il-Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa u l-Bauhaus Ewropew. Għid jistgħu għalhekk jipprovdu kontribut sinifikanti f'termini tal-insewiment tal-oġettiv u l-miri ta' tniġġis żero, sal-punt li jispiraw azzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali, filwaqt li jittqies ukoll l-iskop inerenti ta' daww l-istrumenti, jiġifieri li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tat-tniġġis mis-sors.

Ngħixu fil-limiti planetarji tagħna

It-tniġġis poġġa pressjoni enormi fuq l-ekosistemi tagħna matul is-snin, u poġġa l-bijodiversità f'riskju. Il-Pjan ta' Azzjoni jistipula azzjonijiet ċari relatati direttament mal-ambjent, filwaqt li jenfasizza l-importanza tal-miri futuri legalment vinkolanti tal-UE għar-restawr tan-natura, taħt l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, u l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija li jmiss. Huwa meħtieġ ukoll approċċ reġjonali għal tniġġis żero, u għal darb'oħra, sinerġiji ma' oqfsa regolatorji eżistenti li jipproteġu l-arja, l-ilma heġu, l-ibħra u l-oċeani – bħad-Direttiva dwar l-Impenji Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Emissjonijiet, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt – ser ikollhom rwol essenzjali.

Lejn tniġġis żero mill-produzzjoni u l-konsum

Il-mod kif niproduċu u nikkunsmaw huwa wieħed mill-prijoritajiet taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew, u l-Pjan ta' Azzjoni jindirizza wkoll id-dimensjonijiet industrijali u ekonomiċi tat-triq lejn tniġġis żero. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, huwa meħtieġ approċċ ċirkolari u ekoloġiku għall-ekonomija, li aspekk wieħed tiegħu jinvolvi l-iffaċilitar ta' għażliet ta' tniġġis żero permezz tal-implimentazzjoni u t-titjib tal-oqfsa eżistenti, bħall-Impronta Ambjentali tal-Prodott, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Ekotikketta tal-UE, u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi li jmiss, bħall-inizjattiva dwar l-Asserzjonijiet Ambjentali u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

Il-ħolqien ta' trasformazzjoni lejn tniġġis żero flimkien

Filwaqt li jsegwi l-oġġettiv triplu li jżid is-saħħa u l-benesseri tal-bniedem, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li ngħixu fil-limiti tal-pjaneta, u li filwaqt li jimxi lejn tniġġis żero mill-produzzjoni u l-konsum, il-Pjan ta' Azzjoni jenfasizza firxa sinifikanti ta' inizjattivi ġodda u li għaddejjin bħalissa. Jenfasizza wkoll l-importanza ta' proċess ikkoordinat ta' ppjanar u implimentazzjoni biex jiġi żgurat progress kostanti lejn il-kisba tal-oġġettiv u l-miri ta' tniġġis żero, filwaqt li jiġi indirizzat it-tniġġis fis-sors tiegħu. Dan ser jiġġenera benefiċċji fit-tul għall-ambjent bl-aktar mod sistemiku u sostnut, filwaqt li jqis l-aktar għarfien xjentifiku reċenti u l-istandards li fl-aħħar mill-aħħar jiżguraw is-saħħa taċ-ċittadini u l-ekosistemi tagħna. L-istinkar għal tniġġis żero jista', fl-istess ħin, jikkontribwixxi biex jixpruna l-azzjoni u jsaħħaħ l-opportunitajiet f'dawk l-inizjattivi.

Sabiex jippermetti implimentazzjoni u infurzar aktar stretti, il-Pjan ta' Azzjoni jelenka diversi azzjonijiet bħal: l-iżvilupp ta' azzjonijiet konġunti ġodda ta' konformità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali flimkien man-network Ewropew ta' aġenziji ambjentali, spetturi, awdituri, pulizija, prosekuturi u mħallfin; it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ambjentali u awtoritajiet oħra tal-infurzar biex jitfasslu azzjonijiet ta' konformità transettorjali fil-livell nazzjonali u transkonfinali; it-tisħiħ tad-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali; l-evalwazzjoni u r-reviżjoni possibbli tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali; l-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet standardizzati dwar l-assigurazzjoni tal-konformità fil-livell Ewropew u internazzjonali; il-promozzjoni ta' teknoloġiji żviluppati ħafna; u l-għoti tas-setgħa lis-soċjetà ċivili biex taġixxi bħala għassies tal-konformità.

Il-Kummissjoni, taħt it-Tmien Programm Ambjentali, ser tiżviluppa Qafas ta' Monitoraġġ u Prospettiva ta' Tniġġis Żero, li ser janalizza s-sinerġiji, isegwi l-progress u jippromwovi soluzzjonijiet u rakkomandazzjonijiet integrati – l-ewwel rapport huwa ppjanat għall-2022, u t-tieni wieħed għall-2024. Sabiex jinkiseb dan, l-istrutturi eżistenti, bħaċ-Ċentri tal-Għarfien ta' Eċċellenza tal-UE għal Tniġġis Żero, jeħtieġ li jiġu kkonsolidati. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-Osservatorju Ewropew dwar il-Klima u s-Saħħa li nħoloq dan l-aħħar ser ikollhom rwol essenzjali x'jaqdu fil-ġbir tad-data għal din l-għodda ta' Monitoraġġ u Prospettiva.

It-twaqqif ta' Pjattaforma għall-Partijiet Ikkonċernati b'rabta mat-Tniġġis Żero, f'kooperazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni, ser jiġbor flimkien lill-partijiet ikkonċernati u lill-esperti minn oqsma ta' politika differenti biex jintegraw b'mod effettiv l-aġenda ta' tniġġis żero, ser jgħin biex tinholq sjieda konġunta, u ser jippromwovi l-kollaborazzjoni, is-soluzzjonijiet u l-azzjonijiet integrati li jimmassimizzaw is-sinerġiji mal-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni u ta' rkupru wara l-COVID-19.

Fil-livell internazzjonali, l-UE, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni, ser tippromwovi l-ambizzjoni ta' tniġġis żero permezz ta' inizjattivi ta' politika kummerċjali u ftehimiet ta' kummerċ ħieles, u ser issaħħaħ l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli ta' dawk il-ftehimiet.

Mistoqsijiet issuġġeriti għall-iskambju ta' fehmiet fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent tal-10 ta' Ġunju 2021:

- X'inhi l-valutazzjoni tal-Istati Membri tal-approċċ, il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' ambizzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero?
- Meta wieħed iqis l-interkonnessjonijiet mad-diversi strateġiji ppreżentati taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew, kif jista' jiżdied l-effett tas-sinerġiji?
- X'jikkunsidraw l-Istati Membri bħala l-azzjonijiet ewlenin dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero?